MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Talba Numru. 9/2007

**Dhalia Investments Limited (C1604)**
**Vs**
**Ronald Agius**

***DECIZJONI IN PARTE***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta’ Jannar 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) rapprezentanti servizz ta’ medjazzjoni lill-konvenut fuq it-trasferiment ta’ flat 7/3, Triq Don Bosco, Sliema, ghal liema servizz il-konvenut ma hallasx l-*estate agency fee* pattwita bejniethom.

Ra r-Risposta tal-konvenut ipprezentata fl-1 ta’ Frar 2007 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa (1) li huwa biss wiehed minn zewg sidien u ghalhekk ma jistax ikun

responsabbli hlief ghal nofs il-pretensjoni tas-socjeta` attrici. (2) Minghajr pregudizzju l-validita` tal-bejgh konkluz jinsab kontestat fil-Qrati Superjuri kif jigi ppruvat u sakemm dan il-kaz jigi determinat, l-ebda kommissjoni m'ghandha tithallas.

Ra n-nota tal-konvenut Ronald Agius li permezz taghha esebixxa kopja formali tac-citazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Joseph Camilleri vs Ronald sive Ronnie Agius et noe.

Ra li ghalkemm il-kawza giet imhollija ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut dwar it-tieni eccezzjoni, il-konvenut naqas li jattendi ghas-seduti u baqa` ma pproduca ebda prova ohra in sostenn tal-eccezzjoni tieghu.

Ra l-verbal tal-5 ta' Marzu 2008 fejn Dr Luciano Busuttil ghas-socjeta` attrici talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghad-decizjoni tieghu fuq it-tieni eccezzjoni.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi fis-seduta tas-27 ta' Frar 2007, il-kawza thalliet ghall-provi tal-konvenut dwar it-tieni eccezzjoni.

Illi fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2007, wara illi ghal zewg seduti l-konvenut naqas illi jressaq provi dwar it-tieni eccezzjoni tieghu – it-Tribunal halla l-kaz ghal decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni.

Illi fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2007, deher d-difensur tal-konvenut li talab illi d-decizjoni ma tinghatax in kwantu illi l-konvenut kien ser iressaq il-provi kollha tieghu.

Illi fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007 – id-difensuri tal-partijiet gharrfu lit-Tribunal li l-kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (1087/05JRM) kienet tinsab differita ghad-decizjoni.

Illi fis-seduta tas-6 ta’ Gunju 2008, il-kawza thalliet sine die – izda fuq rikors tas-socjeta` attrici tad-9 ta’ Gunju 2008, regghet giet ri-appuntata.

Illi wara ri-appuntament, debitament notifikat lill-konvenut, il-konvenut u d-difensuri tieghu ma dehru ghall-ebda mis-seduti mizmuma u fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2009, anke jekk b’nota tal-14 ta’ April 2009, il-konvenut gharraf lit-Tribunal illi l-kawza quddiem il-Prim Awla kellha tigi deciza fit-23 ta’ April 2009, u l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi fis-sustanza t-tieni eccezzjoni mressqa mill-konvenut hija fis-sens illi l-validita` tal-bejgh konkjuz jinsab kontestat fil-Qrati Superjuri u sakemm dan il-kaz jigi determinat, l-ebda kummissjoni ma ghandha tithallas.

Illi mill-process ma jirrizultax illi l-kawza giet effettivament deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Illi mill-qari tac-citazzjoni ppresentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (1087/05JRM) – esebita bin-nota tal-konvenut tal-5 ta’ Ottubru 2007, jirrizulta car illi l-hemmhekk attur Joseph Camilleri qed jitlob lil dik il-Qorti sabiex il-bejgh tal-appartament msemmi ukoll fl-Avviz mertu ta’ din il-kawza, jigi dikjarat null u bla effett, ghar-ragunijiet hemmhekk indikati.

Illi f’din il-kawza odjerna mbaghad, s-socjeta` attrici qed tavvanza talba ghall-hlas ta’ servizz ta’ medjazzjoni fuq l-istess trasferiment hawn fuq msemmi.

Illi t-Tribunal jifhem, anke jekk f’dawn l-odjerni proceduri ghadhom ma bdewx jinstemghu provi, illi r-rizultat tal-kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili 1087/05JRM jista` jkollu influenza fuq il-kawza odjerna u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija fondata.

Ghandu jinghad illi l-mod kif inhi formulata r-risposta u partikolarment it-tieni eccezzjoni, mhux car précis x’qed

jippretendi l-istess konvenut meta qed jecceppiha. Mhux qed jintalab illi l-azzjoni attrici tigi rigettata ghaliex intempestiva in kwantu il-kawza pendenti quddiem il-Qorti Civili – Prim Awla.

Ir-risposta hija formulata tali illi taghti l-ewwel informazzjoni lit-Tribunal dwar il-kawza quddiem il-Qrati Superjuri, imbaghad il-konvenut ighaddi biss biex ighid illi "*sakemm dan il-kaz jigi determinat l-ebda kummissjoni ma ghandha tithallas*".

B'dan il-kliem it-Tribunal qed jifhem illi l-konvenut mhux qed jitlob illi t-Tribunal jichad it-talba attrici – imma biss illi jistenna l-ezitu tal-kawza quddiem il-Prim Awla qabel jiddeciedi l-mertu. U huwa f'dan il-kuntest illi t-Tribunal qed jifhem, jinterpreta u jilqa` din it-tieni eccezzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, qieghed, b'ekwita`, parzjalment jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-tieni eccezzjoni u jiddifferixxi din il-kawza *sine die,* riappuntabbli fi zmien xahar permezz ta' rikors minn kwalsiasi mill-partijiet ghal din il-pendenza, biss wara illi l-kawza 1087/05JRM pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili tghaddi in gudikat.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------